

## Mistoqsija għal tweġiba orali O-000008/2013

### Illi-Kunsill

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

**Renate Weber, Sophia in 't Veld, Baroness Sarah Ludford, Sonia Alfano, Alexander Alvaro, Cecilia Wikström, Sir Graham Watson, Louis Michel, Nathalie Griesbeck, Marielle de Sarnez, Ramon Tremosa i Balcells, Niccolò Rinaldi, Frédérique Ries, Jelko Kacin, Metin Kazak, Hannu Takkula, Leonidas Donskis, Ivo Vajgl, Edward McMillan-Scott, Charles Goerens**  
f'isem il-Grupp ALDE

Suġġett: It-tišiħiñ tal-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija, l-anti-Semiticu, l-Islamofobija, l-omofobija u l-antiżingariżmu fl-UE

L-atti u d-diskriminazzjoni ta' natura razzista, ksenofobika, anti-Semiticika, Islamofobika, omofobika u kontra r-Rom qed ikomplu jseħħu fl-UE, filwaqt li d-diskorsi u l-programmi li jxerrdu l-mibegħda u l-intolleranza huma promossi minn mexxejja estremisti li l-partiti tagħhom kisbu rappreżentanza parlamentari f'xi Stati Membri tal-UE. L-UE adottat serje ta' strumenti biex tiġgieler tali atti u diskriminazzjoni fl-ġħamla ta' Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE (li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivamente mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità , id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE (li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impieg u fix-xogħol) u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija. Tnediet ukoll strateġija qafas tal-UE dwar l-integrazzjoni tar-Rom. Il-proposta tal-Kummissjoni tal-2008 għal Direttiva tal-Kunsill dwar it-trattament ugwali lil hinn mill-ambitu tal-impieg (id-Direttiva dwar l-ugwaljanza) ma għietx adottata fil-Kunsill minħabba oppożizzjoni qawwija minn għadd żgħir ta' Stati Membri. Il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri b'mod ripetut biex isaħħu l-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija, l-anti-Semiticu, l-Islamofobija, l-omofobija u l-antiżingariżmu, billi jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tad-direttivi, jadottaw id-direttiva dwar l-ugwaljanza u jirrevedu d-Deċiżjoni Qafas dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija sabiex iwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tagħha u jsaħħu d-dispożizzjonijiet u l-effikaċċja tagħha. Il-Presidenza Irlandiża nediet dibattu fil-Kunsill ĠAI informali tas-17-18 ta' Jannar dwar l-azzjoni tal-UE biex tindirizza reati ta' mibegħda, ir-razziżmu, l-anti-Semiticu, il-ksenofobija u l-omofobija, u enfasizzat il-ħtieġa għal protezzjoni aħjar u ġibir imtejjeb ta' dejta, kif ukoll għal impenn aktar qawwi mill-mexxejja biex 'il-valuri Ewropej jiġu rispettati attivamenti u biex u jitrawwem ambjent ta' rispett reċiproku għall-persuni minn sfondi reliġjużi jew etniċi differenti jew ta' orientament sesswali differenti, u għall-inklużjoni tagħhom'. Il-Kummissarju Malmström reċentement wissiet dwar diskors politiku razzist, estremist u populista, li jista' jwassal sabiex persuni li joperaw waħedhom iwettqu qtil indiskriminat hekk kif it-theddida ta' estremiżmu vjolenti qed tinfirex.

Il-Kunsill x-beħsiebu jagħmel biex isaħħaħ il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija, l-anti-Semiticu, l-Islamofobia, l-omofobia u l-antiżingariżmu fl-UE? Jappoġġa reviżjoni ambizzju ja tħalli Deċiżjoni Qafas 2008/913/ĠAI skont kif indikat mill-Parlament Ewropew? Jappoġġa strateġija komprensiva tal-UE biex tiġgieler id-diskriminazzjoni, il-preġudizzju, il-vjolenza u l-mibegħda? Meta se jadotta d-direttiva dwar l-ugwaljanza, li tirrappreżenta wieħed mill-istrumenti ewlenin tal-UE biex tkun promossa u garantita l-ugwaljanza ġenwina fl-UE u jiġu miġġielda l-preġudizzju u d-diskriminazzjoni?

Imressqa: 6.2.2013

Mgħoddija: 7.2.2013

L-iskadenza għat-tweġiba: 28.2.2013